# Beati u Qaddisin....Ottubru

## Santa Tereza tal-Bambin Gesu' 1 ta' Ottubru

Marie Françoise Thérèse Martin, maghrufa bhala tal-Bambin Gesu', twieldet fit-2 ta' Jannar 1873 gewwa Alenco fin-Normandija, Franza minn genituri nsaara prattikanti. Il-familja Martins tilefet erba' ulied meta kienu ghandhom zghar u kienu jqisu lil uliedhom bhala rigal u barka mis-sema u kienu joffruhom lil Alla qabel ma jitwieldu. Tereza kien l-ahhar wild taghhom. Erba' mill-ulied tal-familja Marins kollha dahlu sorijiet fil-Karmelu u ohra fil-komunita' tal-Visitazzjoni ta' Caen. Meta Terea kellha erba' snin ommha mietet imma zewg hutha li kellhom l-eta kienu jiehdu hsiebha u tal-familja. Huma komplew joffru l-edukazzjoni nisranija lil huthom hekk kif kienet taghmel ommhom.



Missierhom kellu jara lil familja tieghu titnaqar naqra naqra meta dawn l-ulied dahlu fil-kunvent ghaliex riedu jhaddnu l-hajja religjuza. Huwa ghamilhom kuragg u tahom il-barka tieghu u ferah li Alla ghazilhom biex jidhlu fis-servizz helu tieghu. Meta Terza kellha disa snin mardet b'marda li t-tobba ma setghux jaghrfu jaghtu fejqan taghha. Imma ghat-talb herqan ta' hutha lill-Vergni Mbierka, Tereza reghget hadet sahhitha mill-gdid. Tirrakonta li rat lil istatwa tal-Madonna tiehu l-hajja ,

titbissmilha hekk kif kienet tbati tul l-marda taghha.

Xtaqet tidhol soru Karmelitana bhala hutha izda irrifjutawha ghaliex ghad kellha 15 il-sena. Waqt vjagg gewwa Ruma harbet lil missierha u gharkubtejha quddiem il-Papa Ljun XIII talbitu x-xewqa taghha. U l-Papa ikkoncedilha bis-Superjuri tal-kunvent jilqghuha bhala novizza. Meta dahlet stqarret li jiena ma "Ghandi ebda xewqa ohra hlief li inhobb lil Gesu'."

Hawn kienet toffri sagrifficji zghar lil mahbub taghha Gesu' ghal imhabba tal-knisja tieghu. U minhabba l-hajja taghha mimlija mhabba u penitenzi ghall-konverzjoni tal-midimbin, hija giet maghzulha bhala patruna tal-missjonijiet. Ghaddiet minn tirbulazzjonijiet kbar fl-ispirtu taghha izda dejjem uriet tbissima fuq wiccha, ghaliex kienet tifhem li minn irid iservi lil Kristu, irid jaqdih bil-ferh.

Wara disa snin fil-kunvent hija bdiet it-triq ghal hajja ohra f'agunija ta' sofferenzi kbar li hija offriet ghall-konverzjoni tal-midimbin. Kietet fis-sena 1897 u giet beatifikata fis-sena 1923 u sentejn wara mahtura qaddisa.